MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-24 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 6/2023 LM

**Aaron Abela**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Carmel Farrugia (K.I. 301762M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Carmel Farrugia (K.I. nru. 301762M),** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-8 ta' Ġunju, 2023, li permezz tagħha t-Tribunal ordna lill-intimat irodd lura lir-rikorrent **Aaron Abela** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], l-bieb tal-garaxx jew

il-partijiet minnu li huma lesti; irodd lura wkoll l-injam mixtri sabiex jitlesta l-bieb tal-garaxx u l-aċċessorji kollha inkluż iċ-ċappetti tal-ħadid u ż-żebgħa li kien għaddielu r-rikorrent; kif ukoll il-*fan light* u l-kaxxa tal-ittri mgħoddija lilu mir-rikorrent. It-Tribunal ta terminu ta' ġimgħa sabiex l-intimat jottempera ruħhu ma' din l-ordni. It-Tribunal iddeċieda wkoll li f'każ li dan a jseħħx, l-intimat ikollu jrodd lura s-somma ta' elf Euro (€1,000) depożitu lir-rikorrent fi żmien ġimgħa mid-data meta s-sentenza tat-Tribunal tgħaddi in ġudikat; kif ukoll iħallas id-differenza fil-prezz li r-rikorrent ser ikollu jinkorri sabiex jagħmel bieb ta' garaxx u tieqa tal-istess għamla ta' injam li kien ser jaħdem l-intimat. It-Tribunal ordna wkoll li s-somma li għandu jrodd lura l-intimat lir-rikorrent m'għandiex teċċedi tliet elef u tmien mitt Euro (€3,800). It-Tribunal iddeċieda wkoll li irrispettivament minn jekk l-intimat iroddx lura l-aperturi jew iħallasx l-ammonti indikati diġà, dan għandu jirrimborsa lir-rikorrent il-ħlasijiet mensili ta' sittin Euro (€60) kull wieħed li r-rikorrent qiegħed jinkorri bħala danni, b'dan illi l-ewwel ħlas għandu jsir b'effett mid-19 ta' Frar, 2021, filwaqt li l-ħlasijiet li laħqu saru għall-perijodu bejn id-19 ta' Frar, 2021 u d-19 ta' Frar, 2022, u fid-19 ta' Frar, 2023 għandhom jitħallsu fi żmien ġimgħa mid-data tad-deċiżjoni. Fi kwalunkwe każ, it-Tribunal iddeċieda li l-ħlas komplessiv li għandu jagħmel l-intimat m'għandux jeċċedi ħamest elef Euro (€5,000), filwaqt li ordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' mitt Euro (€100) f'danni morali lir-rikorrent għal kull inkonvenjent li ħoloqlu bl-inadempjenza tal-obbligi legali tiegħu lejh.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent ressaq ilment quddiem it-Tribunal fejn spjega li huwa kien inkariga lill-intimat jaħdimlu bieb ta' remissa u tieqa tal-injam, permezz ta'

ftehim li sar fit-12 ta' Ġunju, 2019. Ir-rikorrent spjega li huwa ħallas elf Euro (€1,000) lill-intimat biex dan ikun jista' jixtri l-materjal u l-injam meħtieġ sabiex jibda x-xogħol, iżda wara tliet snin l-imsemmija bieb u tieqa kienu għadhom ma tlestewx mill-intimat. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa kien ikkonsenja lill-intimat *fan light* minn bieb antik, żebgħa għall-bieb u anki *letter box plate*, imma l-intimat baqa' ma installax il-bieb u t-tieqa li kien inkarigat jagħmel. Ir-rikorrent spjega li l-prezz finali li ftiehmu dwaru l-partijiet kien ta' tliet elef u ħames mitt Euro (€3,500), u huma kienu qablu li dan ix-xogħol kellu jsir fi żmien sena u nofs għaliex l-intimat kellu jixtri l-injam li kellu jitħalla jinxef. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa jaf li l-intimat ħadem biċċiet individwali mill-bieb tar-remissa u tat-tieqa li kellu jinstalla fil-fond tiegħu, iżda li dan qatt ma wasal biex jgħaqqad ix-xogħol kollu flimkien.

3. It-Tribunal iddikjara li l-intimat baqa' kontumaċi. Minkejja dan, mill-atti jirriżulta l-intimat ippreżenta risposta fejn spjega li huwa għamel xi żmien ma jistax jaħdem minħabba problemi ta' saħħa u minħabba luttu fil-familja li affettwa s-saħħa mentali tiegħu. Fi kwalunkwe każ l-intimat wieġeb li x-xogħol li kien inkarigat jagħmel seta' jitlesta fi żmien erba' xhur.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Ġunju, 2023, it-Tribunal iddeċieda billi laqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent, wara li qies li l-intimat baqa' kontumaċi, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"It-Tribunal***

*Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-3 ta' Frar, 2023 fejn l-attur talab illi jiġi rimborsat l-ammont ta' erbat elef u tmien mitt Euro (€4,800) rigward bieb ta' remissa u tieqa tal-injam ordnati mingħand l-intimat, liema strutturi tal-injam qatt ma ġew installati.*

*Ra illi s-soċjetà intimata* (sic!) *debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smigħ la intavolat risposta* (sic!) *u lanqas deher rappreżentant tagħha biex jippreżenta l-pożizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri. Stante illi ma ġietx ippreżentata risposta s-soċjetà intimata* (sic!) *ġiet meqjusa kontumaċi.*

*Ra l-atti kollha tal-kawża.*

*Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.*

***Ikkunsidra***
*Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur qabbad lill-intimat Carmel Farrugia jagħmillu bieb ta' remissa u tieqa żgħira bl-injam, ħallas somma ta' elf Ewro (€1,000) f'depożitu u sar ftehim illi x-xogħol kellu jitlesta f'sena u nofs. Ammont ta' xogħol tlesta però ma kienx wasal f'punt fejn il-mastruddaxxa intimat jgħaqqad il-partijiet individwali kollha f'daqqa.*

*Kien hemm numru ta' drabi meta l-attur mar ġewwa l-post fejn kien qiegħed jinħadmu dawn l-aperturi u jipprova jara għalfejn ix-xogħol ma kienx lest, kien ħadlu l-*fan light *tal-ħadid li kellha tiġi inkorporata fil-bieb (liema* fan light *kien għandu), kien tah ukoll kaxxa tal-ittri illi għadha għandu kif ukoll patalotti taż-żebgħa li għalihom nefaq madwar ħamsin Euro (€50) għalkemm sprovvist mill-irċevuti tagħhom.*

*Illi l-attur talab illi jingħata lura l-bieb tal-garaxx u/jew il-partijiet illi hemm lesti minnu, inkluż il-*fan light *u l-kaxxa tal-ittri u t-tieqa imbagħad iqabbad lil xi ħadd ieħor ikompli x-xogħol. Barra minn hekk talab illi jingħata lura wkoll iż-żebgħa u ċ-ċappetti tal-ħadid. Jekk dan ma jkunx possibbli huwa jixtieq lura d-depożitu ta' elf Euro (€1,000) li ħallas u kumpens ta' tlett elef u tmien mitt Euro (€3,800) għaliex jekk jagħmel bieb ġdid ser ikun ogħla kemm fil-maerjal kif ukoll fil-ħidma tal-id.*

*Illi barra minn hekk l-attur talab ukoll ħlas ta' erba' (4) pagamenti ta' sittin Euro (€60) -l wieħed kif ukoll l-ammonti li ser jibqa' jħallas sakemm jitwaħħal il-bieb. L-attur isostni illi kumplessivament dan kollu jammonta għal erbat elef u tmien mitt Euro (€4,800).*

*Illi l-intimat la intavola risposta* (sic!) *u lanqas preżenta ruħhu sabiex jagħti x-xhieda tiegħu. In fatti fid-dawl ta' dan it-Tribunal sab lill-intimat kontumaċi. F'dawn il-proċeduri għaldaqstant il-verżjoni tal-attur m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tal-attur hija korroborata minn evidenza dokumentarja illi ma*

*tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-intimat kiser il-ftehim illi sar bejnu u bejn l-attur, illi l-imsemmi depożitu ta' elf Euro (€1,000) ġie mħallas mill-attur u li huwa qiegħed jinkorri wkoll penali ta' sittin Euro (€60)* [sic!] *frott tan-nuqqas min-naħa tal-intimat.*

*Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-intimat wara li naqas illi jonora l-ftehim illi għamel mal-attur, la rrisponda għat-talbiet tal-attur u lanqas attenda għas-seduti b'diżrispett totali lejn il-klijent tiegħu kif ukoll lejn dan it-Tribunal. Dan l-aġir ikkawża inkonvenjent ċar lill-attur illi kellu jirrikorri għall-proċeduri li finalment wassluh quddiem dan it-Tribunal u jkun inġust illi dan jgħaddi inosservat.*

***Deċiżjoni***

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova l-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mil-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwità iħoss illi t-talba tiegħu illi l-intimat irodd lura l-bieb tal-garaxx jew il-partijiet minnu illi huma lesti, irodd lura wkoll l-injam mixtri sabiex jitlesta l-bieb tal-garaxx u l-aċċessorji kollha inkluż iċ-ċappetti tal-ħadid u ż-żebgħa li kien għaddielu l-attur kif ukoll il-*fan lights *u l-kaxxa tal-ittri mgħoddija lilu mill-attur hija ġustifikata u għandha tintlaqa' fit-totalità tagħha. Dan it-Tribunal jordna illi dan għandu jseħħ fi żmien massimu ta' ġimgħa mid-data minn mindu din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.*

*It-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi illi jekk dan ma jseħħx fiż-żmien stipulat f'din is-sentenza l-intimat ikollu jgħaddi lura s-somma ta' elf Euro (€1,000) depożitu lill-attur fi żmien ġimgħa mid-data illi din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, kif ukoll jgħaddilu d-differenza fil-prezz illi l-attur ser ikollu jinkorri sabiex jagħmel bieb ta' garaxx u tieqa tal-istess għamla u bl-istess kwalità ta' injam illi kien ser jagħmillu l-intimat. Dan għandu jsir fuq preżentata ta' kopja fotostatika ta' rċevuta ta' ħlas ta' depożitu illi fuqha jkun jidher ukoll il-bilanċ dovut, sakemm dik id-differenza ma tkunx tissupera l-ammont ta' tlett elef u tmien mitt Euro (€3,800) hekk kif mitlub mill-attur inkontestat. F'każ illi l-ammont ikun jissupera t-tlett elef u tmien mitt Euro (€3,800) l-ammont dovut mill-attur lill-intimat għandu jkun limitat għal tlett elef u tmien mitt Euro (€3,800) konsonanti mat-talba illi għamel l-attur fil-kawża odjerna. Dan il-ħlas mill-intimat irid isir fi żmien ġimgħa minn mindu l-attur jippreżentalu l-imsemmija kopja tal-irċevuta. It-Tribunal jippreċiża illi dak deċiż f'dan il-paragrafu huwa bla preġudizzju għal dak li ser jingħad hawn taħt rigwardanti l-ammont komplessiv tal-ħlas.*

*It-Tribunal ulterjorment jaqta' u jiddeċiedi illi irrispettivament minn jekk l-intimat iroddx lura l-aperturi jew iħallasx l-ammonti msemmija fil-paragrafu preċedenti, l-*

*intimat għandu jirrimborsa lill-attur il-ħlasijiet mensili* [sic!] *ta' sittin Euro (€60) -l wieħed illi huwa qiegħed jinkorri bħala danni b'dana illi dan għandu jibda mill-ħlas datat 19 ta' Frar, 2021 stante illi dan kien l-ewwel ħlas dovut wara li għaddew sena u nofs minn mindu sar il-ftehim liema ftehim kien jistipula li x-xogħlijiet kellhom isiru fi żmien sena u nofs. Il-ħlasijiet illi saru diġà u ċioé l-ammont komplessiv ta' mija u tmenin Euro (€180) għall-ħlasijiet magħmula fid-19 ta' Frar, 2021, fid-19 ta' Frar, 2022 u fid-19 ta' Frar, 2023 għandhom jitħallsu fi żmien ġimgħa minnn mindu din il-kawża tgħaddi in ġudikat. L-ammonti sussegwenti dovuti skont din is-sentenza sal-ġurnata li jitwaħħlu l-bieb tal-garaxx u t-tieqa mertu ta' din il-kawża, għandhom jitħallsu mill-intimat fi żmien ġimgħa minn mindu jitħallsu mill-attur bla preġudizzju għal dak li ser jingħad fil-paragrafu sussegwenti.*

*It-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi illi l-ammont kumplessiv illi l-intimat għandu jħallas lill-attur* ***f'kull każ*** *m'għandux jissupera l-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000) stante illi meta l-attur għamel it-talba tiegħu quddiem dan it-Tribunal kien warrab dik il-parti mit-talba tiegħu li tissupera l-ħamest elef Euro (€5,000).*

*It-Tribunal finalment jaqta' u jiddeċiedi illi l-intimat għandu jħallas lill-attur l-ammont ta' mitt Euro (€100) addizzjonali fi żmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, f'danni morali għall-inkonvenjent illi ħoloq lill-attur bl-inadempjenza tal-obbligi tiegħu lejh.*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess intimat."*

## <u>L-Appell</u>

5. L-intimat ressaq ir-rikors tal-appell tiegħu fit-22 ta' Ġunju, 2023, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Konsumatur tat-8 ta' Ġunju, 2023, b'dan li terġa' tirrinvija l-atti quddiem l-istess Tribunal, u f'każ li din il-Qorti tiddeċiedi li tisma' l-kawża direttament, takkorda żmien sabiex l-intimat jippreżenta l-provi tiegħu.

6. L-appellant spjega li huwa kien ġie ingaġġat sabiex jaħdem bieb u tieqa tal-injam għall-appellat, u minkejja li kien ġie miftiehem perijodu li fih kellu jkun lest ix-xogħol, l-appellant ma rnexxilux ilesti x-xogħol fil-ħin, għaliex kien sofra

xi ġrieħi fuq il-post tax-xogħol u anki ġarrab mewt fil-familja. L-appellant qal li f'dan iż-żmien kien hemm ukoll il-pandemija, li matulha kien hemm perijodu fejn l-ebda xogħol ma kien permess.

7. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex it-Tribunal iddikjara li huwa baqa' kontumaċi, meta dan kien żbaljat, għaliex huwa kien intavola risposta fis-26 ta' Mejju, 2023, jiġifieri entro t-terminu stabbilit mil-liġi. Qal ukoll li huwa ġie notifikat bit-talba tal-appellat fl-10 ta' Mejju, 2023 bil-posta reġistrata, u minkejja li huwa minnu li hu naqas milli jidher għall-ewwel seduta quddiem it-Tribunal, din is-seduta kienet intiża għall-provi tal-appellat. Qal li għalhekk huwa ma setax jitqies li kien kontumaċi.

8. L-appellant qal illi anki li kieku huwa verament kien kontumaċi, xorta waħda kellu dritt jikkontesta l-provi mressqa mill-appellat, xi ħaġa din li ma setgħetx issir għaliex t-Tribunal lanqas għamel seduta oħra għall-kontro-eżamijiet, u l-appellant lanqas ma ngħata kopja tal-evidenza li tressqet mill-appellat. Qal li filwaqt li t-Tribunal jara li kemm jista' jkun il-partijiet ma jittaqqlux bi proċedura kkumplikata, lanqas huwa ġust li xi parti tiġi stultifikata fid-dritt bażiku tagħha ta' *ad audi alteram partem.* Qal li effettivament huwa xtaq li jitlob lit-Tribunal jakkordalu żmien qasir sabiex ikun jista' jlesti x-xogħol.

## **<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata. Qal li x-xogħol in kwistjoni kien jinvolvi bieb ta' remissa u tieqa żgħira li huwa nkariga lill-appellant jaħdem u jinstalla fil-

proprjetà 37, Triq Mamo, Ħaż-Żebbuġ. Qal li l-ftehim dwar dan ix-xogħol sar fis-16 t'April, 2019, u dakinhar stess l-appellant mar fil-fond tal-appellat, u ħa l-kejl tal-bieb u tat-tieqa. Qal li l-prezz maqbul bejn il-partijiet għax-xogħlijiet li kellhom jiġu esegwiti kien ta' tliet elef u ħames mitt Euro (€3,500), u l-appellat kien ħallas elf Euro (€1,000) lill-appellant sabiex ikopri x-xiri tal-materjal li kellu jiġi użat, u li dan sar sabiex l-appellant seta' jibda x-xogħlijiet meħtieġa mingħajr dewmien. L-appellat kompla jgħid li l-partijiet kienu ftiehmu li x-xogħol ta' manifattura u installazzjoni tal-bieb u t-tieqa kellu jkun lest fi żmien sena u nofs, jiġifieri sa nofs Diċembru tal-2020. Qal li oltre s-somma ta' elf Euro (€1,000) li huwa għadda lill-appellant mal-ftehim dwar ix-xogħol li kellu jsir, huwa kien għaddielu wkoll *fan light* tal-ħadid li kellha tiġi inkorporata fl-istess bieb, u *letterbox* li ukoll kellha tiġi inkorporata fl-istess bieb. L-appellat qal li huwa għadda wkoll iż-żebgħa lill-appellant sabiex dan ikun jista' jlesti x-xogħol bi spejjeż addizzjonali għalih. L-appellat qal li minkejja dak kollu miftiehem bejn il-partijiet, u minkejja li kkomunika mal-appellant diversi drabi, dan tal-aħħar baqa' inadempjenti, u minn dakinhar li suppost ix-xogħol kellu jitlesta sal-ġurnata meta fetaħ il-proċeduri quddiem it-Tribunal, laħqu għaddew aktar minn sentejn oħra. L-appellat qal li huwa għamel dak kollu li seta' sabiex ix-xogħol jitlesta kemm jista' jkun malajr, tant hu hekk li baqa' jiġri wara l-appellant, iżda li dan baqa' jġib diversi skużi u anki beda jinjora lill-appellat meta dan ipprova jkellmu.

10. L-appellat saħaq li l-appellant qiegħed ikun inveritier meta jgħid li kellu raġunijiet validi għalfejn jonqos fl-eżekuzzjoni tal-obbligi assunti minnu, li rriżulta f'dewmien ta' sentejn, u li baqa' ma ġiex finalizzat. Qal li dan jidher ukoll mid-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell, fejn l-appellant ma esebixxa l-

ebda dokument li b'xi mod jissostanzja u jikkorrabora dak li qiegħed jippremetti. Qal ukoll li dakinhar li l-appellant iddaħħal l-Isptar Mater Dei minħabba f'inċident li kellu, il-kawża kienet diġà pendenti għas-smigħ mit-Tribunal, u kienu diġà għaddew sentejn u erba' xhur minn meta x-xogħol kellu jkun finalizzat. L-appellat żied jgħid li minkejja li l-appellant qal li ma setax jiffinalizza x-xogħol minħabba li kellu inċident fuq il-post tax-xogħol, iċ-ċertifikati mediċi ppreżentati minnu huma kollha għal żmien riċenti u mhux għaż-żmien meta l-appellant kellu jesegwixxi x-xogħol. L-appellat qal li għalhekk dan l-inċident li kellu l-appellant fuq il-post tax-xogħol, ma jistax jintuża biex jiġġustifika d-dewmien fix-xogħlijiet in kwistjoni, meta dan l-inċident seħħ aktar minn sentejn wara li l-appellant kien ingħata l-inkarigu. L-appellat qal li bl-istess mod, l-appellant lanqas ma jista' jgħid li dan id-dewmien kien ikkaġunat mit-telfa ta' xi ħadd għażiż għalih, għaliex hawnhekk mhux dewmien ta' ftit xhur kien hawn iżda ta' aktar minn sentejn. L-appellat jgħid ukoll li ma ġie prodott l-ebda ċertifikat tal-mewt mill-appellant ta' xi ħadd viċin tiegħu. L-appellat qal li lanqas il-fatt li għal xi żmien kienet faqqgħet il-pandemija tal-*Covid-19* ma jista' jintuża bħala raġuni għad-dewmien, għaliex jekk kien hemm żmien meta l-appellant kien imxekkel f'xogħlu, dan seħħ biss għal ftit ġimgħat jew xhur matul l-2020 u l-2021.

11. L-appellat qal li minbarra d-depożitu tal-materjal fl-ammont ta' €1,000, li ngħadda lill-appellant qabel dan kellu jibda x-xogħol, u n-nefqa għaż-żebgħa, il-*fan light* u l-*letter box,* hemm €60 oħra fis-sena li qegħdin jiġu inkorsi minnu sabiex il-garanzija ta' €700 favur l-Awtorità tal-Ippjanar fuq il-faċċata tal-istess proprjetà tiġi mġedda mill-bank. Qal li aktar ma jgħaddi ż-żmien, huwa ser ikollu jinkorri spejjeż żejda sabiex l-istess xogħol mertu tal-inkarigu li ngħata lill-appellant isir u jiġi eżegwit, liema danni jikkonsistu fid-differenza fil-prezz li kien

miftiehem bejn il-kontendenti u l-prezz li kieku dan ix-xogħol kellu jsir minn ħaddieħor, li għalihom huwa  responsabbli l-appellant.

12. B'riferiment għall-aggravji tal-appellant, l-appellat qal li l-appellant kien notifikat bit-talba tar-rikorrent u bl-avviż tas-smigħ, jiġifieri bl-ewwel seduta, iżda dan xorta waħda naqas li jattendi għal dan is-smigħ u naqas milli jiġġustifika l-assenza tiegħu jew javża lit-Tribunal bir-raġunijiet għall-assenza tiegħu. Qal li l-artikolu 23(1) tal-Kap. 378 jipprovdi li l-Arbitru għandu jirregola l-proċedimenti quddiem it-Tribunal bil-mod li jaħseb li jkun l-aktar xieraq għall-finijiet li jagħmel ġustizzja, skont id-dettami tal-ġustizzja naturali, u l-Arbitru għandu jiżgura li każ għandu, safejn raġonevolment possibbli, jinqata' fl-istess jum tas-smigħ. L-appellat qal li r-regola 12 tal-Liġi Sussidjarja 378.01 tgħid li meta l-parti intimata tonqos milli tattendi għas-smigħ, l-Arbitru jista' jiddeċiedi t-talba kontra dak l-intimat. L-appellat qal li l-appellant m'għandux raġun jgħid li huwa kien ġustifikat li ma jattendix għas-smigħ tal-ewwel seduta għaliex din kienet intiża biss għall-provi tar-rikorrent, u li huwa ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu li jikkontesta l-provi mressqa mir-rikorrent għaliex it-Tribunal ma ffissa l-ebda seduta oħra għal dan il-għan. L-appellat qal li l-liġi hija ċara, u filwaqt li tistipula li l-Arbitru jista' jipprovdi kontra l-intimat jekk dan jiddeċiedi li ma jattendix, il-liġi tgħid ukoll li kemm jista' jkun dawn il-kawżi għandhom jinqatgħu f'seduta waħda. Qal li l-appellant l-ewwel deherlu li seta' ma jattendix, b'disrispett lejn it-Tribunal, u issa qiegħed jippretendi li kellu jingħata seduta oħra biex meta jkun komdu, jidher quddiem it-Tribunal sabiex iressaq il-provi tiegħu. L-appellat qal li l-intenzjoni tal-leġislatur kienet ċara, li kemm jista' jkun dawn il-kawżi għandhom jinqatgħu bla dewmien, u għalhekk il-pretensjoni tal-appellant

m'għandhiex mis-sewwa, partikolarment meta huwa ma wera l-ebda interess u naqas milli jidher għas-seduta.

13. L-appellat qal li bejn is-seduta tat-18 ta' Mejju, 2023 u d-data tas-sentenza it-8 ta' Ġunju, 2023, l-appellant lanqas indenja ruħhu jitlob lit-Tribunal jikkonċedilu seduta għall-provi tiegħu, iżda issa qiegħed jinqeda bid-dritt tal-appell għal dan il-għan. Qal li r-Regola 12 tal-Liġi Sussidjarja 378.01 hija ċara u ma tagħmilx distinzjoni bejn intimat li rrisponda għall-kawża u intimat li huwa kontumaċi. Qal li għalhekk anki li kieku l-appellant għandu raġun jgħid li huwa ma kienx fi stat ta' kontumaċja, ladarba huwa naqas milli jidher mingħajr raġuni valida, u lanqas ma pprova jiġġustifika l-assenza tiegħu fil-mori tal-istess proċeduri fil-prim'istanza, l-Arbitru kien ġustifikat li jgħaddi għal deċiżjoni kontra l-intimat.

14. L-appellat qal li f'każ li din il-Qorti jidhrilha mod ieħor, u tiddeċiedi li l-appellant għandu jkompli bix-xogħol, għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar li x-xogħol għandu jsir għall-prezz intier ta' tliet elef u ħames mitt Euro (€3,500) li huwa l-prezz miftiehem bejn il-partijiet u mhux kontradett, u x-xogħol u l-installazzjoni għandhom isiru f'terminu verament qasir u idoneju, jiġifieri massimu ta' xahrejn, fin-nuqqas ta' liema għandha tapplika d-deċiżjoni appellata jew kumpens ekwivalenti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-

deċiżjoni appellata. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li huwa minnu li hemm ċerti ineżattezzi fis-sentenza tat-Tribunal, fosthom dwar l-istat ta' kontumaċja tal-intimat, hawnhekk l-appellant, meta għandu jirriżulta bl-aktar mod ċar li huwa ntavola r-risposta tiegħu quddiem it-Tribunal. Il-Qorti qieset kull prova u kull sottomissjoni li saret mill-partijiet, sabiex tistabbilixxi l-fatti indipendentement mid-deċiżjoni tat-Tribunal u sabiex tassigura li kwalsiasi deċiżjoni li tingħata tkun waħda ġusta u ekwitattiva.

16. Il-Qorti tqis li minkejja li huwa minnu li l-appellant ma kienx kontumaċi quddiem it-Tribunal, l-eċċezzjonijiet sollevati minnu sabiex jiddefendi ruħhu mit-talbiet tal-appellat ma jistgħux jitqiesu li huma raġunijiet ġusti u suffiċjenti sabiex jagħtu kredibbilità lill-pożizzjoni tiegħu li huwa ma setax jaqdi l-inkarigu li daħal għalih fir-rigward tal-appellat minħabba fl-istat ta' saħħtu, b'konsegwenza tal-inċident li ġarrab fuq il-post tax-xogħol u anki għaliex kien hemm żmien meta huwa ma setax jaħdem minħabba fl-effetti tal-pandemija. L-appellant, flimkien mar-rikors tal-appell tiegħu, ippreżenta għadd ta' ċertifikati mediċi u anki dokument li juri li kien hemm żmien meta huwa ddaħħal l-Isptar wara inċident li kellu fuq il-post tax-xogħol, liema ċertifikati iżda juru li l-imsemmi inċidenti seħħ fi żmien aktar riċenti u ċertament mhux fiż-żmien meta huwa kellu jlesti x-xogħol fuq il-bieb u t-tieqa li kien inkarigat jagħmel mill-appellat. Mill-provi jirriżulta fil-fatt li l-ftehim bejn il-partijiet sar f'Ġunju tal-2019, u l-appellant kellu jdum madwar sena u nofs biex ilesti dan ix-xogħol, jiġifieri sa Diċembru tal-2020. Il-Qorti għalhekk issibha ferm diffiċli tirrikonċilja d-difiża li pprova jqajjem l-appellant anki f'din l-istanza, mal-prova li x-xogħol in kwistjoni suppost li ilu li tlesta aktar minn tliet snin. Mill-provi jirriżulta wkoll li dan id-dewmien min-naħa tal-appellant wassal biex l-appellat inkorra diversi

danni, kif ukoll li f'każ li l-appellat ikollu jinkariga lil xi ħaddieħor biex ilesti dan ix-xogħol, x'aktarx li ser jintalab prezz ogħla minn dak miftiehem u maqbul bejn il-partijiet, kemm għall-materjal kif ukoll għall-*mano d'opera.*

17. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-appellant kien żbaljat meta naqas milli jidher quddiem it-Tribunal għaliex kien tal-fehma li fl-ewwel seduta kellhom jinstemgħu l-provi tal-appellat, iżda issa f'dan l-istadju qiegħed jitlob li l-atti jiġu rinvijati lura quddiem it-Tribunal sabiex huwa jkun jista' jressaq il-provi tiegħu. L-appellant jgħid ukoll li huwa ma ngħatax kopja tal-provi mressqa mill-appellat u li ma ngħatax l-opportunità li jagħmillu kontro-eżami. Il-Qorti tirrileva li kien fl-interess tal-appellant li jidher għas-seduta tat-Tribunal, anki b'sens ta' rispett lejn l-awtorità tat-Tribunal u lejn dak li fl-aħħar mill-aħħar kien il-klijent tiegħu, u kien ukoll fl-interess tiegħu li jara x'kien ser jiġi sottomess mill-parti l-oħra sabiex jekk ikun il-każ huwa jagħraf jirregola ruħhu. L-appellant ma ppruvax jiġġustifika dan in-nuqqas tiegħu, u issa qiegħed jinqeda b'din il-proċedura tal-appell sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. Il-Qorti tosserva li l-appellant imkien ma jikkontesta dak li qiegħed jgħid l-appellat, u lanqas ma jgħid li l-appellant mhux veritier jew mhux korrett fl-asserzjonijiet li qiegħed jagħmel, iżda jgħid biss li huwa kien fl-impossibilità li jonora l-inkarigu li daħal għalih minħabba infortunji li jirriżulta li seħħew ferm wara li l-imsemmi inkarigu kellu jitlesta.

18. Il-Qorti għalhekk tqis li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda ġusta u ekwitattiva. It-Tribunal ikkonċeda lill-appellant terminu ta' ġimgħa sabiex jirritorna lura l-installazzjonijiet li laħaq lesta u l-materjal kollu li għaddielu l-appellat, u huwa biss f'każ li l-appellant jonqos milli jagħmel dan, li dan jinkorri

l-penali stabbiliti mit-Tribunal. Il-Qorti tqis li dan huwa l-aktar rimedju ġust li seta' jiġi propost, tant hu hekk li anki l-appellat, fir-risposta tiegħu għar-rikors tal-appell imressaq mill-appellant, jgħid li huwa miftuħ għall-possibilità li din il-Qorti tikkonċedi perijodu verament qasir li fih l-appellant għandu jlesti u jinstalla x-xogħol li kien inkarigat li jagħmel. Fil-fatt il-Qorti sejra tikkonċedi terminu ta' sitt ġimgħat mid-data ta' din is-sentenza sabiex l-appellant jassigura li l-bieb u t-tieqa li kellu jinstalla fil-fond tal-appellat, jiġu installati kif maqbul u pattwit bejn il-partijiet. F'każ li l-appellant jonqos milli jagħmel dan, jidħlu fis-seħħ il-partijiet dispożittivi tad-deċiżjoni tat-Tribunal. Il-Qorti tagħmilha ċara wkoll li l-appellant għandu jħallas il-penali li kellu jsofri l-appellat sa issa fl-ammont ta' €180, ħlasijiet ta' €60 fis-sena,, kif ukoll id-danni morali ffissati mit-Tribunal għas-snin ta' dewmien u għall-inkejja li ntweriet fil-konfront tal-appellat wara li dan fdah bl-inkarigu li jifforma l-mertu ta' dawn il-proċeduri, u dan indipendentement minn jekk l-appellant fil-fatt jinstallax il-bieb u t-tieqa in kwistjoni jew le.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, b'dan illi qiegħda tikkonċedi terminu ta' sitt ġimgħat mid-data ta' din is-sentenza entro liema l-appellant għandu jinstalla l-bieb u t-tieqa fil-fond tal-appellat, u fin-nuqqas li l-appellant jagħmel dan, jidħlu fis-seħħ il-partijiet dispożittivi tas-sentenza tat-Tribunal. L-appellant għandu jagħmel tajjeb għall-ħlas ta' €180 li tħallsu mill-appellat rigward il-garanzija li kellu jagħmel a favur**

**l-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll id-danni morali fl-ammont ta' €100 stabbiliti mit-Tribunal, u dan fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**